MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 398/2005

**Express Travel Limited**

**vs**

**Joseph Caruana Smith**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u mija u hmistax –il Lira Maltin u tmintax –il centezmu (LM2,115.18,0), ammont rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' vjaggar lilu rezi mill-istess socjeta' attrici, liema somma huwa naqas milli jhallas, u dan oltre l-**

**imghaxijiet kummercjali mill-11 ta' Dicembru tas-sena 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 13 ta' April tas-sena 2005, kontra tieghu li minn issa huwa ngunt in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-9 ta' Novembru tas-sena 2005 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------